**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

**Laqgħa Nru. 05/19**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 1 ta' April 2019 |
| **Ħin:** | 6:27 PM |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Stephanie Fenech - Viċi-Sindku
Claude Camilleri - Kunsillier
Joan Agius - Kunsilliera (Mis-6:40pm)
Joe Hales - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**Skużat**
Amanda Abela - Kunsilliera
Dorcas Camilleri - Kunsilliera

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **05.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **05.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;** |
| **05.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **05.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;** |
| **05.05** | ***Items oħra* ta' Xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** |
| **05.06** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **05.07** | **Espressjoni ta' interess - Skemi ta' Skart Riċiklat;** |
| **05.08** | **L-Ewwel żjara tal-President ta' Malta;** |
| **05.09** | **Proġetti Kapitali;** |
| **05.10** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti;** |
| **05.11** | **Mozzjonijiet u;** |
| **05.12** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**05. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 1. 1 | | Abela | Is-segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Abela ma setgħetx tattendi għall-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05. 1. 2 | | Camilleri D | Is-segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Camilleri D ma setgħetx tattendi għall-laqgħa minħabba kors li qed tattendi. | Segretarju Eżekuttiv |

**05. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 2. 1 | | Proponent: Caruana<br>Sekondant: Viċi-Sindku | Il-Minuti 04/19 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr il-korrezzjonijiet. | |
| 05. 2. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**05. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05 2 3 | 04.02.13 | Chircop: Konkors Letterarju | Chircop qal li l-premijiet ingħataw hekk għad-Djalett lil Mariah Tabone, Poezija: Joe Baldacchino u Rakkont: Catherine Attard. | Chircop |
| 05 2 4 | 04.02.14 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li din l-attivita' kienet suċċess b'attendenza ta' madwar 200 ruħ. Is-Sindku żiedet li kellha feedback tajjeb ħafna. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 2 | 5 | 04.02.16 | Chircop: Tours | Chircop qal li l-leaflets inħarġu, twaħħlu t-tabelli tal-informazzjoni kif ukoll inxtara skrin u projector u ser issir it-tnedija | Chircop |
| 05 | 2 | 6 | 04.03.01 | Sindku: Ġnien il-Kmandant | Is-Sindku informat lill-Kunsill li l-Kunsill applika g]all-fondi maħruġa mill-Ministeru għall-Ambjent sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ fil-Ġnien il-Kmandant liema fondi jammontaw għall-€30,000. Is-Sindku tkellmet mal-perit rigward xogħol li jrid isir biex tiġi rranġata l-ġiebja li hemm fl-istess ġnien kif ukoll tħawwil ta' siġar. | Sindku |
| 05 | 2 | 7 | 04.03.03 | Sindku: Proġett taz-zuntier | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mal-perit Sapiano. Ix-xogħol wasal f'nofs triq fejn sar il-*membrane* mal-ħajt tal-knisja u ser isir il-madum tal-bankina mad-dawra taz-zuntier. Chircop fakkar sabiex titwaħħal il-bażi tal-monument ta' Dun Salv li ser isir fuq il-bankina taħt iz-zuntier qabel jitkompla x-xogħol. Is-Sindku qalet li fuq dan trid titkellem mal-persuni nkarigati minn dan il-monument. | Sindku |
| 05 | 2 | 8 | 04.03.06 | Caruana: Toroq | Caruana staqsa dwar Triq Taltass u l-problema ta' aċċess. Is-Sindku qalet li ser terġa titkellem mal-kuntrattur sabiex isiru l-pjanċi temporanji biex jinfetaħ l-aċċess. | Sindku |
| 05 | 2 | 9 | 04.12.02 | Hales: Tibdil fl-isem ta' Triq il-Ħotba | Hales informa lill-Kunsill li dan mhux possibli peress li l-Kumitat tat-tismija tat-toroq ma jaċċetax dan jekk l-isem ikun marbut mal-akwata. | Hales |

**05 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML03/19. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 3 | 1 | | Sindku: Triq Licata | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li sar xogħol ta' asfaltar ħażin mill-kuntrattur tal-Enemalta. Il-Kunsill talab li terġa tinqala, jinbidlu s-servizzi u jerġa jsir wiċċ ġdid. | Sindku |
| 05 | 3 | 2 | | Sindku: Ħitan tas-sejjiegħ fi Triq Xrobb l-Għaġin | B'refernza għall-Miżura 4.4 li l-Kunsill ingħata fondi għall-manutenzjoni tal-ħitan tas-sejjiegħ, s-Sindku infurmat lill-Kunsill li x-xogħol mistenni jinbeda fil-ġimgħat li ġejjien. | Sindku |
| 05 | 3 | 3 | | Sindku: *Part time clerk* | Is-Sindku qalet li kllna tlett parteċipanti li attendew għall-intervisti, bit-tlieta kienu validi. Ser tingħażel il-persuna u tintalab sabiex tattendi għat-tieni intervista. | Sindku |
| 05 | 3 | 4 | | Segretarju Eżekuttiv: *Data Protection Officer* | Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li bħalissa għaddej proċess sabiex tiġi evalwata d-data kollha li għandu l-Kunsill u sabiex jinħatar DPO. Irċevejna proposta mingħand is-Sur Adrian Mifsud bi kwotazzjoni ta' €4800 eskluż il-VAT. Ser jinġabru iktar kwotazzjonijiet u tingħażel l-aktar waħda vantaġġjuza. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05 | 3 | 5 | | PA9074/18, 2688/19, 2651/19, 2510/19 | Dwar dawn il-permessi il-Kunsill ser ikun qed jgħaddi l-kummenti tiegħu sabiex tinżamm il-karatteristika tal-post | Segretarju Eżekuttiv |
| 05 | 3 | 6 | | Għaqda Mużikali Beland: *Beland Music Festival* | Il-Kunsill qabel nem.con li din l-attivita' issir f'Misraħ is-Suq bil-kundizzjonijiet li ġew imfassla s-sena l-oħra. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 3 | 7 | | Saviour Spiteri: Riklam iLearn | Il-Kunsill qabel nem.con li jsir ir-riklam | Segretarju Eżekuttiv |

**05. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 4. | 1 | | Chircop: Proġett | Chircop qal li rċieva proposta mill-*Malta Unesco Youth Council* sabiex isir proġett ta' arti kontomperonja fiż-Żejtun. Ser isiru workshops mat-tfal tal-iskola, anzjani u l-komunita'. Il-proġett huwa li ssir disinn ta' siġra taż-żebbuġ u l-weraq ikun hemm xogħolijiet taż-żwieten. Il-Kunsill jaqbel nem.con mal-proġett u li għandu jsir f'Misraħ Karlu Diacono. | Chircop |

**05. 5. Items oħra ta' Xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 5 | 1 | | Ma kien hemm xejn x'jiġi diskuss | | |

**05. 6. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 6. | 1 | | Chircop: Tifkira tal-Gwerra | Chircop qal li din ser issir nhar il-Ħadd, 5 ta' Mejju | Chircop |
| 05. | 6. | 2 | | Chircop: Kors tal-Inbid | Chircop qal li dan ser jibda fid-29 ta' April | Chircop |
| 05. | 6. | 3 | | Agius: 7 Visti | Agius qalet li s-7 visti ser jerġgħu isiru f'Ħamis ix-Xirka fejn ser inżuru diversi rħula. | Agius |
| 05. | 6. | 4 | | Agius: Mother's Day | Agius qalet li d-data għal din l-attivita' ser titħabbar iktar tard. | Agius |
| 05. | 6. | 5 | | Agius: Festa San Girgor | Agius infurmat lill-Kunsill li din ser terġa ssir fl-24 ta' April bil-purċissjoni, quddiesa u l-Kunsill ser ikun qed jipprovdi l-*stalls* . | Agius |
| 05. | 6. | 6 | | Viċi-Sindku: *Chatter Box* | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ġejna avviċinati sabiex isir użu mis-sala. Ser titħallas miżata sabiex ikopri l-ispejjes tal-użu tas-sala. | Viċi-Sindku |
| 05. | 6. | 7 | | Viċi-Sindku: Festival Sportiv | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser isir festival sportiv fejn ser jingħaqdu l-isport, xjenza u kultura. Ħadna fondi li jammontaw għall-€2160 li parti minnhom ser jintużaw għal din l-attivta' | Viċi-Sindku |
| 05. | 6. | 8 | | Sindku: Inawgurazzjoni tal-bandli fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-Bandli fi Ġnien l-Għannejja Żwieten huwa lest u ser jiġi inawgurat nhar il-Ħadd, 14 ta' April. | Sindku |

**05. 7. Espressjoni ta' interess - Skemi ta' Skart Riċiklat;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 7 | 1 | | Proposti: Ġbir tal-iskart riċiklat | Tressqu u ġew spjegati ż-żewġ proposti ta' GreenMT u GreenPak. Dawn ser jgħaddu għand il-kunsilliera għal iktar evalwazzjoni. | Segretarju Eżekuttiv |

**05. 8. L-Ewwel żjara tal-President ta' Malta;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 05. 8. 1 | | Sindku: L-Ewwel żjara uffiċjali tal-President ta' Malta | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser issir laqgħa mal-għaqdiet sabiex jigu spjegati d-dettalji tal-programm għal nhar il-Ħadd, 7 ta' April. Qed jitħejja memento sabiex jingħata lill-President. Il-programm jibda minn Misraħ Karlu Diacono fejn jiġi milqugħ mis-Sindku u wara jindaqq l-Innu Malti. L-Korteo jimxi għal-Misraħ Gregorio Bonici fejn isiru d-diskorsi u wara riċeviment fis-sala tal-knisja. | Sindku |
| **05. 9.** | | **Proġetti Kapitali;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05. 9. 1 | | Ma kienx hemm ħin biżżejjed biex dawn jiġu diskussi | | |
| **05. 10.** | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti;*** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05. 10. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 03/19 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05. 10 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 05/19 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05. 10 3 | | *Petty Cash* - Marzu 2019 | Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Marzu hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €226.06. | Segretarju Eżekuttiv |
| **05 11** | | **Mozzjonijiet u;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 05. 11 1 | | Ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa | | |
| **05 12** | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9.35pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 24 ta' April 2019 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |